MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 406/2005/1

**Dataplot Gmbh lokalment rapprezentata mill-mandatarja specjali l-Prokuratur Legali Madeleine Firman**

**vs**

**Mohab Fahmi**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Dicembru, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat li is-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallasha is-somma bilancjali ta' ghaxart elef u tlieta u erbghin punt tletin Euro

(Euros 10,043,30) ekwivalenti skond ir-rata ta' kambju fi flus Maltin ghal circa erbat elef mija u erbgha u tmenin lira maltin u wiehed u sebghin centezmi (LM4,184,71) dovuta lilha mill-konvenut bhala bilanc ta' prezz ta' karti ta' stampar, '*emblems'* u merci ohra relatati, mibjugha u kkonsenjati minnha lil konvenut, liema bilanc jirrizulta mir-rendikont anness fl-atti u mmarkat bhala Dok. A datat tmintax ta' Marzu 2004 bl-imghax legali u bl-ispejjes inkuzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-wiehed w ghoxrin ta' April 2005 prezentata kontrih u ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mohab Fahmi prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmintax ta' Novembru 2005 fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-materjal konsenjat lil konvenut Mohab Fahmi kien difettuz u mhux skond il-kwalita tajba u ghalhekk ma setghax jintuza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-sbatax ta' Mejju 2006, il-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta illi l-bilanc tal-prezz ma thallasx izda qed jikkontesta biss li dan mhux dovut ghaliex ix-xoghol u materjal li forniet is-socjeta attrici kien difettuz u l-istess materjal kien gie spedit lura lill-atturi.

Nhar is-sbatax ta' Mejju 2006, xehed il-konvenut **Mohab Fahmi** bil-lingwa ingliza u spjega li huwa ghandu kompanija hawn Malta, li tbiegh '*large format digital printing'.* Qal li huwa kellu relazzjoni tajba mas-socjeta attrici tant li in effetti kellu ordnijiet li l-valur taghhom jammontaw ghal hamsin elf Euro. Huwa jordna r-'*raw material'* li in segwitu jbiegh lill-klijenti tieghu sabiex isir xoghol ta' '*printing*' fuqu. F'dan il-kaz qal li l-materjal li kien xtara kien difettuz u meta biegh l-istess lil

terzi persuni hawn Malta x-xoghol ta' '*printing*' li ghamlu fuqu ma giex tajjeb kien diffettuz minhabba l-kwalita hazina tal-prodott konsenjat lilu qabel mis-socjeta attrici .

Spjega li huwa kien xtara '*rolls of self adhesive paper'* minghand is-socjeta attrici u kien staqsa lis-socjeta attrici sabiex tigi hawn Malta u tivverfika hi stess li l-kwalita tal-oggett mibjugh ma kienx skond il-kwalita patwita, w ghalhekk huwa staqsa lis-socjeta attrici sabiex tibghat ir-rappreszentanti taghha hawn Malta sabiex tivverifika dak li ntqal minnu.

Huma ma gewx hawn Malta pero il-konvenut ighid li permezz ta' *e mail* (li ma gietx esebita fl-atti minnu), huma accettaw li l-materjal in kwistjoni kien diffettuz. Qal ukoll li s-socjeta attrici kkonfermatlu li ma kienitx ser tbiddel il-konsenja ta' materjal mibghuta lilu ghaliex ma kellhiex aktar minn dan l-istess materjal. (Din l-allegazzjoni pero ma tirrizulta minn imkien u l-attur nominee lanqas ighamel referenza ghal din fi-xhieda tieghu).

Huwa ghalhekk stqarr li kien sorpriz kif effettivament is-socjeta attrici kienet qieghda tfittxu permezz ta' dawn il-proceduri odjerni. Huwa esebixxa tlett ritratti li gew mmarkati bhala Dok. MF 1 sa MF 3, li jindikaw li l-materjal fornit lilu kien difettuz. Qal illi huwa fil-fatt kien baghat lura xi *samples* mill-materjal fornit lilu lis-socjeta attrici (ghalkemm is-socjeta attrici ma tghid xejn minn dan).

Ghalkemm ikkonferma li xi matejal gie mibjugh lill-klijenti tieghu u sar xi stampar fuqu minnhom, u li ghandu xi ftit fil-garaxx tieghu. Qal li d-difett kien konsistenti fl'*adhesive*' u minhabba li l-materjal kellu xi '*material bubbles'*, ma setghax ighaddi mill-magni. Huwa esebixxa ukoll zewg ittri li rcieva minghand il-klijenti tieghu li gew mmarkati bhala Dok. MF 4 u MF5. Spjega li dawn iz-zewg

klijenti msemmija f'dawn l-ittra talbuh ihallashom ghad-danni li sofrew u fil-fatt huwa ghamel tajjeb ghalihom. Huwa talab lis-socjeta attrici sabiex taghmel tajjeb ghal din il-hsara li sofra hu ma terzi izda jghid li s-socjeta attrici baqghet siekta.

In kontro-esami jghid li kien hemm certu Marcus mibghut mis-socjeta attrici li kkonferma mieghu li l-materjal kien difettuz. Ikkonferma wkoll li s-socjeta attrici qablet mieghu li l-materjal kien difettuz u li ma kienitx ser tibghat aktar materjal biex tissostitwixxi l-materjal difettuz ghaliex ma kellhiex aktar. Jghid pero li ma kienx minnu li s-socjeta attrici riedet li l-materjal jintbaghat lura lilha u dan ghaliex il-materjal diga kellu xoghol ta' stampar fuqu u in oltre ghalih ma kienx jghamel sens. Qal li huwa effettivament kien diga hallas l-*invoices* kollha u dak li ma hallasx kien jirrapprezenta l-hsarat li sofra hu ma terzi.

Illi nhar il-hdax ta' Ottubru 2006 l-atturipprezenta nota flimkien ma hmistax-il document, rapprezentanti 'n kwantu ghad-Dok. DT 1 sa DT 9, fatturi mahruga mis-socjeta attrici f'isem l-konvenut, Dok DT10 *statement of accounts* datat erbgha ta' Marzu 2004, Dok. DT 11, kopja ta' fax datata sitta ta' Dicembru 2003 mibghuta lil Ruth Grixti ghan-nom tal-konvenut mis-socjeta attrici, u Dok. DT 12, li hija kopja ta' fax datata disgha ta' Gunju 2004 mibghuta mis-socjeta estera lil Ruth Grixti ghan-nom tal-konvenut.

Nhar il-hdax ta' Ottubru 2006 xehed **Andre Borg,** prodott mill-konvenut. Qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Director mal-kumpanija Billboard Advertising. Spjega li lill-konvenut jafu ghaliex jixtri l-karti u *'printing material'* minghandu. Qal li jiftakar li darba minnhom kellu problema ghaliex l-konvenut kien qabdu sabiex ighamel xi *printing* fuq xi *vinyl* izda il-linka ma kienitx qed taqbad sew u fil-fehma tieghu,dan sehh ghaliex l-*vinyl* ma kienx ta' kwalita tajba. Huwa ghalhekk

kien cempel lil konvenut u qallu li l-*vinyl* ma kienx ta’ kwalita tajba. Jiftakar ukoll illi f’xi zmien wara kienu marru xi rapprezentanti tad-ditta attrici biex jaraw l-prodott, ghalkemm huwa ma indahalx fid-diskussjonijiet li kellu l-konvenut maghhom. Kull ma ghamel, kien li wrihom il-materjal. Zied ighid li wara din l-okkazjoni l-konvenut irtira l-merkanzija minghandu.

Nhar il-hdax ta’ Ottubru 2006 xehed **David Brockdorf** prodott mill-konvenut. Huwa stqarr li jokkupa l-kariga ta’ Managing Director mas-socjeta Sign Write Company Limited. Ikkonferma li l-konvenut jipprovdilu materjal sabiex ighamlu l-*printing* fuqu. Ftakar li ftit aktar minn tlett snin qabel ma xehed il-Qorti l-konvenut kien ipprovdilhom materjal ghall-*printing* u wara li ghamel ix-xoghol tal-*printing* fuqu, il-klijent taghhom is-socjeta Vodafone, bdiet tilmenta maghhom li x-xoghol ma kienx tajjeb u li l-karta kienet qed tisfolja ruha. Huwa kkonkluda li d-difett kien li l-kolla tal-karta ma kienitx ta’ kwalita tajba. Huwa ghalhekk kien cempel il-konvenut li kien biddilu l-materjal minnufih. Il-materjal li kien gablu wara kien tajjeb.

Ikkunsidrat:

Ili din hija kawza fejn l-attur qed jitlob il-bilanc ta’ prezz dovut lilu fuq konsenja ta’ karta mibghuta minnu lill-konvenut u li dwarha l-konvenut ghad baqghalu xi kont pendenti fl-ammont imsemmi fl-avviz.

Illi l-konvenut minn naha tieghu mhuwiex qed jikkontesta li effettivament ircieva din il-konsenja ta’ materjal, izda ighid li ma kienitx ta’ kwalita tajba.

Illi is-socjeta attrici tibbaza l-pretensjoni taghha fuq id-Dok. DT 1 sa DT 10 esebiti fl-atti.

Illi ghalhekk jidher li l-eccezzjoni tal-konvenut hija dik ibbazata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, in forza ta' liema, jekk il-venditur jikkonsenja haga mhux tal-kwalita patwita jew mhux bhal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kompratur jista jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jirceviha bit-tnaqqis fil-prezz fuq stima.

Illi ghalhekk ir-rimedju li kellu l-konvenut kien allura duplici, jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, u cioe li jirrixxindi l-kuntratt minhabba l-inadmepjenza tal-venditur, jew li izomm l-oggett lilu konsenjat, imma jesigi riduzzjoni fil-prezz.

F'din it-tieni eventwalita', l-kuntratt ta' komprovendita jibqa jissusisti, pero il-kompratur, ikollu dritt jigi kkunpensat minhabba l-inadempjenza kontrattwali tal-venditur.

Hu pacifiku illi d-dritt moghti lill-kompratur bl-artikolu 1390 tal-kodici Civili jista jigi ezercitat "per vie di eccezzjoni". Dan hu principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza (**Vol. XXX. Pt 1 p 751**). Pero ghandu jkun car illi l-konvenut kompratur ghandu jpoggi lilu nnifsu f'posizjoni guridika li jkun jista jezzercita dan ir-rimedju u m'ghandux, u ma jistax, bl-azzjoni tieghu stess jippregudika tali dritt. Ir-rifjut ta' l-oggett u t-talba ghall-hlas ta' danni, li kif inghad jimportaw talba dikjaratorja tar-rixessjoni tal-kuntratt, jimportaw li l-oggett mibjugh jigi ritornat lill-venditur, nehhi f'dawk il-kazijiet eccezzjonali fejn dan ikun fizikament impossibli. Certament il-kompratur ma jistax jirrifjuta l-oggett, filwaqt li jibqa jzommu taht il-kontroll tieghu, jaghmel uzu minnu u forsi anke kif inhu allegat f'dan il-kaz jiddisponi minnu. F'dan ir-rigward hi nteresanti sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Robert Bond vs Austin Agius et** deciza fis-16 ta' April 1993 li kkonsidrat sitwazzjoni analoga:

*"Minn dan il-mument 'l quddiem, l-attur (il-kompratur) kellu jaghzel bejn iz-zewg modi kif*

*jipprocedi – jew jitlob li jhassar il-ftehim kollu, jikkonsenja l-vettura lill-konvenuti u jitlob ir-refuzjoni ta' dak li jhallas u anke d-danni, jew igieghel lill-konvenuti jimplementaw il-ftehim…."*

Issa l-Qorti tinnota li din l-eccezzjoni giet moghtija 'l fuq minn sentejn wara li sar il-biegh effettiv u wara li l-konvenut kien diga iddispona mill-konsenja.

Hu ghalhekk pacifiku li l-bejjiegh hu obbligat li jikkonsenja l-oggett minnu mibjugh li jkun tal-kwalita miftiehma bejnu u bejn ix-xerrej. (vide **Nazzareno sive Ronnie Cauchi et noe vs Joseph Baldacchino et** noe deciza nhar 7 t'Ottubru 1997 mill-Qorti ta' l-Appell).

Illi s-socjeta attrici qed issostni li l-materjal konsenjat kien ta' kwalita tajba w in effetti ma semghet bl-ebda ilment dwarha minghand il-konvenut qabel sentejn mill-konsenja effettiva, waqt li l-konvenut ighid li huwa sofra danni minhabba din il-konsenja ta' karti difettuza ghalkemm kontro talba ghad-danni ma pprezentax u lanqas kawza ghad-danni kontra s-socjeta attrici ma fetah.

Illi l-konvenut ressaq zewg xhieda u cioe lil David Brockdorf u lil Andre Borg, li jghidu li huma klijenti tieghu u li xi zmien ilu l-konvenut ikkonsejalhom xoghol difettuz. Pero ma jirrizulta l-ebda konness ma dak li gie konsenjat lilhom u dak li gie konsenjat lilu mis-socjeta attrici. Illi l-Qorti issibha difficli tara li l-konvenut ighid li kellu mercja difettuza u ma ghamel xejn dwarha. Il-konvenut ghalkemm ighid li kellu xoghol hazing, la ittanta jiddeposita il-materjal taht l-Awtorita ta' l-Qorti, u lanqas talab lis-socjeta attrici sabiex jigi stmat il-hsara li kkontenda li kellu. Jirrizulta mill-atti li l-konvenut ircieva il-konsenja ta' karti u kkonensjha lil terzi u li llum il-gurnata skond ma qal hu stess fil-pedana tax-xhieda ftit minn din l-istess mercja

tinsab ghandu, waqt li l-maggor parti taghha giet mibjugha.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-konvenut u cioe iz-zewg ittri mahruga mill-klijenti tieghu datati Settembru w Ottubru 2005, jirrizulta li l-konvenut kien ikkonsenjalhom mecja ta’ kwalita nferjuri minn dik li kienu mdorrija, pero ma hemm l-ebda ness bejn din il-konsenja li rcevew u dik mibughta mis-socjeta attrici lill-konvenut.

Il-konvenut ighid li sofra danni konsistenti billi meta terzi persuni rritornawlu l-mercja li huwa kkonsenja huwa kellu jirrifondilhom il-flus. Mill-atti pero, ma jirrisulta xejn minn dan, salv ix-xhieda tal-konvenut li jghid li l-flus li ma hallasx lis-socjeta attrici jirrapresentaw b’mod arbitrarju dik is-somma flus li skond hu hi d-danni li sofra minhabba in-nuqqas tas-socjeta attrici li tikkonsenja l-oggett skond il-kwalita miftiehma. Lanqas ix-xhieda li ressaq il-konvenut ma qalu x’kien il-valur tad-danni li huma sofrew u meta sofrewhom.

Illi l-konvenut fil-fatt hallas parti sostanzjali minn din l-istess merkanzia u qatt ma kien qal li l-konsenja ma kienitx tajba kien biss meta gie nterpellat sabiex ihallas pemezz ta ittra ufficjali esebita fl-atti u fol. 2, li l-konvenut qajjem din l-iskuza tieghu sabiex ma ihallasx dak dovut minnu.

Jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 35 u cioe mill-fax mibghut mill-konvenut lis-socjeta attrici datata sitta ta’ Dicembru 2003, li fil-fatt ma kienx minnu li ma kellux intensjoni jhalsu tal-konsenja u li qatt ma semma xejn dwar l-allegat nuqqas ta’ kwalita patwita. Anke minn esami tal-fax datata disgha ta’ Gunju 2004 (fol 36) mibghuta mis-socjeta attrici lill-konvenut, m’hemm l-ebda referenza ghal xi nuqqas t’ adempjenza da parti tal-konvenut. Jirrizulta biss *ut sic* li l-konvenut ma hallasx il-konsenja minnu accettata.

Il-konvenut, li kellu kull interess sabiex jesimi ruhu minn kull responsabilita, kellu jiddeposita l-oggett minnu allegatament rifjutat taht l-Awtorita tal-Qorti appena kkonstata li skond hu, l-oggett konsenjat ma kienx tal-kwalita patwita, u dana jekk huwa kellu xi intesjoni jirrexindi l-biegh kif dispost fl-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Il-fatt li dan m'ghamlux abbinat mac-cirkostanza li ma tirrizultax kontestata li l-konvenut iddispona mill-merkanzija u li allura ma kienitx ghadha disponibbli jpoggi l-konvenut fil-posizzjoni li ma jistax jezigi li l-kuntratt jigi rexiss.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li qed tilqa t-talba tas-socjeta attrici, qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma imsemmija fl-avviz u cioe elf, mija erbgha u tmenin lira u wiehed u sebghin centesmu Maltin (LM4,184/71).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghax skond il-ligi."

B'mod generali l-appell tal-konvenut fil-kontestazzjoni tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti jikkonsisti fl-obbjezzjoni illi dik il-Qorti naqset milli taghmel apprezzament adegwat tal-provi u naqset ukoll milli tinterpreta kif imiss il-ligi ghall-fatti;

In essenza, il-kontroversja bejn il-partijiet hi din. Is-socjeta` attrici qed tippretendi l-hlas tas-somma bilancjali indikata fl-Avviz ghall-materjal supplit minnha lill-konvenut. Dan ta' l-ahhar, da parti tieghu, qed jirrezisti din it-talba bid-difiza illi l-materjal hekk lilu konsenjat kien difettuz u mhux ta' kwalita` tajba;

Minn din l-impostazzjoni ta' naha u ta' ohra huwa elementari illi in kwantu jirrigwarda l-oneru tal-provi, is-socjeta` attrici kellha tiddemostra l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnha bl-esebizzjoni ta' fatturi, *statement of*

*account* u kull prova dokumentali ohra, rapprezentattiva tas-somma minnha reklamata. Gjaladarba, imbaghad, kif hekk jirrizulta mill-unika eccezzjoni, il-konvenut ghazel li jikkontrapponi f'sens sostanzjali difiza artikolata fuq l-inadegwatezza jew id-difformita` tal-materjal komprat ghal funzjoni tipika tieghu, hu kellu, b'oneru, jiddizempenja ruhu bid-dimostrazzjoni tal-prova illi s-socjeta` attrici naqset mill-impenn kontrattwali taghha u kienet inadempjenti. Mhux dan biss, pero`, in kwantu hu htieglu juri wkoll illi r-rimedju minnu maghzul ma giex mitluf jew paralizzat minn xi atteggjament jew kondotta tieghu. Dan qed jigi rilevat ghaliex kif jinsab spjegat, b'interpretazzjoni ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, "id-difiza primarja tal-konvenut kien li jirrifjuta l-oggett materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita` tal-Qorti. Jista' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas ghalih prezz anqas. Din kienet difiza li l-kompratur seta' javvanza wkoll *per via di eccezione* jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita. Mill-banda l-ohra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu. Fi kliem iehor il-kompratur ma ghandux dritt izomm l-oggett konsenjat lilu u ma jhallasx il-prezz miftiehem sakemm dak l-istess oggett ma jigix sostitwit b'iehor tal-kwalita` pattwita jew skond il-kampjun". Ara "**John Mary Dalli *nomine* -vs- Grezzju Patiniott**", Appell, 19 ta' Mejju, 2000;

Premess dan, huwa bil-wisq sintomatiku mill-atti istruttorji illi s-socjeta` attrici appellata rnexxielha fil-prova taghha li turi sodisfacentement illi kien ghadu dovut lilha l-ammont bilancjali rikjest. Wara kollox, dan lanqas ma hu konstestat mill-konvenut appellanti bl-ebda eccezzjoni tieghu. Mhux l-istess jista' jinghad ghad-dizimpenn li kellu jaghmel l-appellanti;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatti gew ezaminati fid-dettal mill-ewwel Qorti u kkummentati anke *singulatim* fil-parti

espozittiva tas-sentenza. Eskluzivament minn din l-ottika din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta fis-sens li l-eccezzjoni ma setghetx, in bazi ghall-fatti ezaminati, titqies fondata, u ma thossx, allura, in-necessita` li zzid ebda riljev iehor dwarhom;

Ukoll mill-punto di vista ta' dritt l-istess linja difensjonali ta' l-appellanti ma tistax tigi ezawdita in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet agguntivi ghal dawk ta' l-ewwel Qorti:-

(1) Jekk, kif allegat mill-appellanti, il-materjal lilu provvdut kien difettuz u priv mill-kwalita` essenzjali tieghu ghal skop ta' stampar, l-accettazzjoni minnu ta' l-istess materjal, u l-aktar dik taz-zamma ghandu ta' l-istess materjal, kellu jitraduci ruhu f'akkwiexxenza;

(2) Ankorke, hu offra li jibghat lura r-rollijiet li ma kienux uzati, huwa, imbaghad, lanqas ma ghadda ghad-depozitu taghhom u l-istess baqghu fil-pussess u d-disponibilita` tieghu. Similment, jekk kif allegat minnu, it-terzi kompraturi rritornawlu lura l-materjal bl-istampar fuqhom ghaliex instab li l-istess ma kienx tal-bonta u tal-kwalita` aspettata, l-anqas haga li kellu jaghmel kien li jiddepozita l-istess u jzomm ferm il-jedd tieghu ghad-danni. Ma kienx bizzejjed li jillimita ruhu ghall-ilment jew li jikkuntenta ruhu ghal skop ta' harsien ta' l-interessi u tat-tutela tad-drittijiet tieghu, illi jibghat *sample* lis-socjeta` attrici tal-materjal, allegatament difettuz;

(3) Una volta ma ghaddiex ghal dan id-depozitu, dan il-fatt, kombinat mal-fatt l-iehor stabbilit fejn il-konvenut appellanti ddispona minn parti mill-materjal, iggiblu qaghda fejn hu ma setax aktar jippretendi li, successivament, u wara t-trapass ta' certu zmien apprezzabbli, jikkontesta t-talba tal-venditur tieghu ghal hlas minhabba inadempiment. Ara **Kollez. Vol. XXXIII P I p 585** u "**Nazzareno Cauchi *et nomine* -vs- Joseph Baldacchino *et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997, citata wkoll mill-ewwel Qorti;

(4) Hemm raguni ghal dan. Dan ghaliex b'dik il-kondotta tieghu jigi li x-xerrej ikun ittollera n-nuqqas ta' konformita u ta' l-integrita fil-haga komprata meta hu kien xjenti mill-fatt illi l-istess kienet inadegwata ghall-uzu taghha. Taht din il-perspettiva kien ghal kollox floku l-kumment ta' l-ewwel Qorti fejn din osservat illi ssibha difficli li taccetta l-proposizzjoni tal-konvenut li gie kkonsenjat merce difettuza u baqa' ma ghamel xejn dwarha.

Ghal dawn il-motivi fuq espressi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------